**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U ĦAMSIN** **6 TA' DIĊEMBRU, 2023**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, l-kunsilliera, Dr Tiffany Ann Attard (on line), is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Kunsilliera s-Sinjuri Marisa D'Amato u Kaydem Schembri

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

**LAQGĦA ANNWALI**

Inbdiet il-laqgħa Annwali fejn preżenti ma attendewx resident.
Is-Segretarju Eżekuttiv qrat parti mir-rapport annwali – x-xogħol li sar matul is-sena.

| | | |
|---|---|---|
| **55.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 55.1.1 | | Il-Kunsilliera Marisa D'Amato u Kaydem Schembri informaw li ma setgħux jattendu minħabba raġuni ta' xogħol. L-ittri tal-appoloġija annessa **dok 1**. |
| | | |
| **55.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 55.2.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq punt 54.2.4 fir-rigward tal-proġett tal-Misraħ Repubblika.<br>Is-Segretrju Eżekuttiv qalet li kienet ser issemmi email li l-Kunsill irċieva mingħand l-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria. Din tgħid "bir-raġuni primarja hi d-distanza bejn il-karreġġjata għal vetturi u l-faċċata tal-każin li hija biss ta 1.4 metri. Insostnu, li din il-karraġġjata għandha tersaq iktar lejn iċ-ċentru |

| | | |
|---|---|---|
| | | tal-pjazza u b'hekk tiżdied iz-zona pedonali lejn in-naħa tal-każin biex finalment ikunu jistgħu jittieħdu l-miuri neċessarji sabiex jiġi pprovdut aċċessibilta' għal kulħadd ġewwa l-każin, inkluż persuni b'diżżabilta' u nuqqas ta' mobbilta'."<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu qatt ma qabel li l-Misraħ ikun livell aktar għoli mit-toroq l-oħra, minħabba l-problema tal-ilma. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill għandu jitlob is-suġġeriment tal-pubbliku fuq il-Misraħ.<br><br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard issuġġeriet li l-Perit jurina visuals ta' dak li qed jipproponi, biex kulħadd jifhem dak li qed jissuġġerixxi. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 55.2.4 | | Ġew approvati l-minuti tal-erbgħa u ħamsin -il seduta. |
| | | |
| ***55.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 55.3.1 | | Is-Sindku qalet li:<br>• Ħadet lill-anzjani fil-Palazz tal-President ta' Malta u waqt din l-attivita' inġabret donazzjoni li ingħatat lill-Community Chest fund.<br>• L-attivita' tal-Milied tal-Ħadd li għadda kienet suċċess ukoll għalkemm filgħaxija inqala ftit diżgwiet minħabba li l-preżentaturi tal-attivitajiet li qed jorganizza l-Kunsill, qed ikunu dejjem l-istess nies. Kien hemm qbil li f'attivitajiet oħra, l-Kunsill jagħti spazzju lill-preżentaturi oħra.<br>• Il-kalendarju beda jitqaqssam u ġie sabiħ, imma ġiet avviċinata minn min għamel xi pittura u li ma intgħażlitlux. Is-Sindku ssuġġeriet li dawk li ma ntgħażlux jiġu esebiti waqt esebizzjoni li jorganizza l-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li dawk li intgħażlu għax ħaqqhom u ma jaqbilx li dawk li ma intgħażlux jiġu esebiti. Dan il-kalendarju ħa ħsiebu hu u sostna li dawk li ma intgħażlux ma kienx hemm il-bżonn li jiġu esebiti f'post ieħor. Is-Sindku qalet li kull min ta l-pittura tiegħu jara li l-pittura ħaqqa li tkun esebita. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Tħawlet is-siġra fil-Ġnien tal-Ġibjun – u l-familjari tiegħu riedu li jsir ritratt mas-siġra. Ma kienx hemm qbil.<br>• Kemm ilu li inbidel il-kuntrattur ELC għall-GEB fuq manutenzjoni tas-soft areas tal-Gvern, il-funtana tad-dħul taż-Żurrieq qatt ma ħadmet. Is-Sindku stess insistiet magħhom biex tissewwa. Kien hemm qbil li s-Sindku iġġib stqarrija fuq fb biex ir-residenti jkun avżati. Il-Viċi Sindku qal li ser ikellem ħaddiem li jaf biex jinsisti ma min hu inkarigat u jekk dan ma jasalx, tinħareġ l-istqarrija. |
| | | |
| ***55.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 55.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li:<br>• fi Triq Sant Andrija hemm kanal li tħalla mill-kuntrattur, perikoluż ħafna. Is-Sindku qalet li ġiet infurmata li qed jistennew lill-WSC biex jagħmlu xogħol ta' drenaġġ ġdid. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Lawrence tat-tajr talab biex juża t-Torri tal-Wardija biex itajjar it-tajr minn fuqu għat-torri ta' Wied iż-Żurrieq. Kien hemm qbil li jiġu ikkuntatjati min jieħu ħsieb it-torri għall-permessi meħtieġa, peress li t-torri mhux tal-Kunsill Lokali. |
| | | |
| 55.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• Issa qed jaqbel li ssir il-ħadida fi Triq Joseph M Cassar u li ssir mera faċċata tal-garage biex tkun tista tara toħroġ. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Quddiem Dar Mattia Preti hemm tappiera tad-drenaġġ sfrundata, biex tissewwa.<br>• Il-Kunsill joħroġ sqarrija bħala rikonoxximent li l-festi ġew rikonoxxuti bħala wirt intanġibbli tal-UNESCO. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 55.4.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li :<br>• waqt il-kunċert tal-orkestra kien ġabar somma għall-puttinu u mar jippreżenthom lill-Puttinu. Hu ingħata inkwatru ta' apprezzament u irċevuta.<br>• Hawn ċertu siġar fosthom fejn il-Mitħna tax-Xarolla, biex jinqatgħu dak li jgħarmu minn taħt. U biex jitnaddaf iż-żebbuġ ta' tatha.<br>• Il-Kunsill ta' Pedara jridu biex fis-sajf li ġej iġibu lin-nies tagħhom Malta u jġibu l-prodotti ta' ikel tagħhom u jsajru dak il-ħin. Kien hemm qbil li niftakru fihom wara li ssir attivita, mill-Kunsill f'leġislatura oħra.<br>• Is-Sotto kumitat beda jaħseb fuq it-tieni volum tal-ktieb u Fr Curmi ħareġ b'idea li ssuġġerixxa biex is-Sur Tony Mangion jgħin fil-volum il-ġdid tal-ktieb. Fr Curmi lest li jaħdem bla ħlas. Is-Sotto kumitat ser jikkomunika mas-Sur Tony Mangion biex jara jaċċettax u taħt liema kundizzjonijiet. |
| | | |
| 55.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal :<br>• li wara li ra l-lista sħiħa ta' toroq li l-Enemalta jeħtieġ li tagħmel trinka kważi fit-toroq kollha taż-Żurrieq, fosthom fi Triq Bronja li bilkemm għadha lesta, talab spjegazzjoni. Is-Sindku qalet li talbet laqgħa mal-Ministri kkonċernati u l-Onorevoli Ministru Miriam Dalli aċċettat li ssir laqgħa nhar il-Ħamis 25 ta' Jannar. Is-Sindku qalet li min irid jista jattendi magħha.<br>• Irridu inkunu sodi li ma jistax ikun li waqt li jkunu qed isiru t-toroq, tiġi xi entita oħra li tħaffer it-toroq li jkunu għadhom kif saru. Din terremot ser iġġib magħha fuq it-toroq taż-Żurrieq.<br>• Il-parkeġġ ta' quddiem l-iskola ma jaqbilx li titneħħa ċ-Charging Pillar imma jissuġġerixxi li jitressaq il-parkeġġ tal-buses aktar 'l fuq. Kien hemm qbil li jiġi mitkellem il-kap tal-iskola biex juri l-veduti tiegħu. |
| | | |
| 55.4.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• irringrazzja lis-Sindku u lil kull min ta l-għajnuna tiegħu fl-attivita' tal-Milied.<br>• Fi Vjal l-Indipendeza hemm żewġ residenti li kull darba li tagħmel ix-xita, l-ilma qed jidħol ġewwa. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qalli t-triq pjanata li ssir mil-Gvern wara li ssir Triq Sant Andrija. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Fejn l-uffiċċju postali hemm gallariji li l-ilma tagħhom jiġi fuq il-vetturi ipparkjati.<br>• Qed ikun hawn inġenji u skips li ma jkollhom il-permessi meħtieġa. Kien hemm qbil li dawn jibdew jitħarku barra li jħalsu ta' b'lura. Għandha tinkiteb email lill-Kummissarju li meta jkun hemm rapport, dawn għandhom jitħarku u mhux jiġu mġgħala jħallsu biss għall-permess li ma kienux għamlu. |
| | | |
| | | |
| ***55.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 55.5.1 | | Tressaq draft tal-budget 2024, imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv. Dan ġie diskuss u approvat. |
| | | |
| 55.5.2 | | Tressqu r-rapporti tar-risk assessment tal-ġonna pubbliċi għall-attenzjoni tal-Kunsill. |
| | | |
| ***55.6*** | | ***Bust għat-Tabiba Maria Sciberras*** |
| | | |
| 55.6.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill kien qabel li jsir bust tat-Tabiba Maria Sciberras. Hu ppreżenta dokumenti li juri l-legat li ħalliet u x-xogħol li għamlet f'ħajjietha. Din l-informazzjoni ser titqassam lill-Kunsill kollu u l-Kunsill għandu jitlob l-approvazzjoni tal-PA biex isir tali bust.<br><br>Il-Kunsill irid jitkellem mal-Perit biex japplika għax-xogħol. Diġa tkellem ma' artist u infurmaħ li dan ikun jiswa madwar 3K. Tkellem ukoll mal-familjari tat-tabiba Sciberras u apprezzaw ħafna u lesti li jintervjenu fuq dan. Kien hemm qbil li dan l-item jerġa jitressaq f'seduta oħra, wara li jinġibu stimi tax-xogħol. |
| | | |
| ***55.7*** | | ***Konsulenza għall-Kunsill fir-rigward tal-permessi Planning Authority*** |
| | | |
| 55.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li sar l-interview għaż-żewġ applikanti nhar il-Erbgħa 15 ta' Novembru. Il-konsulent preċedenti ħejja rapport **Dok mehmuż 2**. Kien hemm qbil li ż-żewġ applikanti jaħdmu flimkien. |
| | | |
| | | |
| **55.9** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***55.9*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 55.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br><br>• Persuna qed titlob li tagħmel korsijiet tal-make up fil-binja tal-Kunsill. Ma kienx hawn qbil.<br>• Iż-Żurrieq Wolves Athletic Club qed tissuġġerixxi li għaż-żewġ attivitajiet ta' ġiri li jsiru fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq u Ħaż-Żebbuġ, issir amalgamazzjoni ta' |

| | | |
|---|---|---|
| | | medalja li tinvolvi iż-żewġ attivitajiet. Din tkun forma ta' qalb nofsa blue (il-kulur taż-Żurrieq) u nofsa ħamra (il-kulur ta' Ħaż-Żebbuġ). Wara diskussjoni kien hemm qbil fuq dan.<br>• Ir-Reġjun Punent ippropona li jsiru tabelli biex jippromwovu l-mixi u l-użu tar-roti, biex tivjaġġa mal-irħula tal-viċin. Sar proponiment biex it-tabella issir fejn il-berġa tas-saħħa. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Infurmat li l-Kunsill irċieva lista twila ta' toroq li ser jitmissu biex issir trinka tal-Enemalta. Is-Sindku tablet laqgħa mal-Ministri ikkonċernati, peress li ma jistax ikun li jitmessu dawk it-toroq kollha (kważi nofs iż-Żurrieq) u ma jsix wiċċ sħiħ tat-triq.<br>• Intweriet pjanta fejn il-Kumitat Ismijiet tat-toroq qed jipproponi li Triq it-Torri tingħata isem ieħor u tinqasam fi 3 partijiet. **Dok mehmuż 3**. Sadanittant is-Segretarju tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria talbu biex tissemma triq – Triq is-16 ta' Lulju għall-Jum il-festa liturġika tal-Madonna tal-Karmnu. Kien hemm qbil li l-parti immarkata bl-aħmar tissemma – Triq is-16 ta' Lulju. Il-Kunsillier Joseph D'Amato ma jaqbilx mal-proċedura li l-Għaqda saret taf qabel il-Kunsilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Għaqda ma saritx taf mill-Kunsill. Għall-Parti indikata bil-vjola, is-Segretarja għandha tara x'isimijiet li kienu issemmew f'seduti preċedenti u timxi fuqhom.<br>• L-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria qed toġġezzjona għall-proposta tal-proġett a' Misraħ ir-Repubblika, minħabba d-distanza bejn il-karreġġjata għall-vetturi u l-faċċata tal-każin. Dan il-punt tqajjem f'55.2.3.<br>• Lill-Kumpanija WMEnvironmental Ltd il-Kunsill ma kienx ħalsu minħabba xogħol li ma kienx sar. L-awdituri jridu li din titniżżel fis-seduta, għalhekk qed insemmiha issa ukoll. Il-Kunsill qabel unanimament li tali ħlasijiet ma jsirux għaliex il-Kunsill ma ħax is-servizz.<br>• Ġiet approvata minn TM li l-pedestrian crossing ta' Triq Wied Babu tkun raised hump fl-istess ħin.<br>• Fir-rigward tal-MOU tal-manutenzjoni tal-Mitħna tax-Xarolla jiġi iffirmat hekk kif rivedut. Il-Kunsill għandu jitlob kjarifika tal-attivitajiet li qed jirreferu għalihom. |
| | | |
| | | |
| ***55.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 55.10.1 | | Tressqu l-minuti tal-Gal Xlokk numru 145 u tar-Reġjun Punent numru 26. |
| | | |
| ***55.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 55.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala Dok3 għall-ammont totali ta' €97,372.86 |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u mill-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u mill-Kunsilliera Kyle Mifsud. |
| | | |
| ***55.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 55.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:30. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 17 ta' Jannar, 2023, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _17 ta' JANNAR, 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| | |
| Rita Grima | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |